## RETTIFIKA

### Rettifika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1825 tas-6 ta' Settembru 2016 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 901/2014 fir-rigward tar-rekwiżiti amministrattivi għall-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 279 tal-15 ta' Ottubru 2016)*

F'paġna 79, fl-Anness, il-punt 3(c) li jibdel il-punt 5 tal-Appendiċi 1 tal-Anness V għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 901/2014 jinbidel b'dan li ġej:

"(c) fl-Appendiċi 1, il-punt 5 jinbidel b'dan li ġej:

'5. Eżempju għal mutur L3e-A3 b'informazzjoni addizzjonali għall-vettura kkonvertita (CV), mutur L3e-A2, 'il barra mir-rettangolu mmarkat b'mod ċar. F'dan il-każ għall-fini ta' modifika awtorizzata temporanja u riversibbli tal-manifattur fl-ewwel mutur L3e-A3 irreġistrat sabiex jiġi rreġistrat fil-livell nazzjonali wara l- konverżjoni tiegħu b'konfigurazzjoni L3e-A2 b'potenza mnaqqsa (eż. għall-operaturi tal-vetturi b'liċenzja tas-sewqan A2):

| |
|---|
| MOTORUDOLPH<br>L3e-A3<br>e4*168/2013*2691<br>JRM00DBP008002211<br>84 dB(A) — 4 250 min$^{-1}$<br>massimu ta' 352 kg |
| L3e-A2<br>e4*168/2013*2692<br>83 dB(A) — 3 750 min$^{-1}$<br>35 kW'". |

### Rettifika tal-Informazzjoni dwar id-dħul fis-seħħ tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kolombja dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 6 tal-11 ta' Jannar 2017)*

F'paġna 1,

*minflok:* "Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kolombja dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir ser jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2016, ladarba l-proċedura prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim tlestiet fid-19 ta' Ottubru 2016.",

*aqra:* "Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kolombja dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir ser jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2017, ladarba l-proċedura prevista fl-Artikolu 8(1) tal-Ftehim tlestiet fit-8 ta' Novembru 2016.".